

Brussell, 17 ta' Meju 2019  
(OR. en)

9172/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0061(COD)**

---

---

**CODEC 1053**  
**VISA 109**  
**FAUXDOC 40**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) <b>(I-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fl-14 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq<sup>1</sup>, abbażi tal-Artikolu 77(2)(a) TFUE<sup>234</sup>.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018<sup>5</sup>.

---

<sup>1</sup> 7173/18.

<sup>2</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 id-Danimarka mhux qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

<sup>3</sup> F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

<sup>4</sup> F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE, l-Irlanda mhux qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

<sup>5</sup> ĠU C 440, 6.12.2018, p. 142.

3. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>6</sup>.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
  - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 29/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
  - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

---

<sup>6</sup> 8447/19.